MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Ġunju, 2003

Numru 685/2002

Il-Pulizija
(Sp Helga Debono)
vs
Theresa Psaila, bint Salvino
Micallef, imwielda Kalkara
fis-27 ta' novembru, 1961

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, fis-snin 2000, 2001 u fi snin preċedenti b'diversi atti magħmula fi żminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi:
1. talli għamlet falsifikazzjoni f'att awteniku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħalqet pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli xjentement għamlet użu

mill-istess att, kitba jew skrittura falza u dan billi fflasifikat il-firma ta’ Raymond Psaila fuq dokumenti maħsuba għad-Dipartiment tas-Sigurta’ Soċjali kif ukoll għad-Dipartment tat-Taxxi Interni li jirraprezentaw il-Gvern ta’ Malta;
2. talli fflasifikat ċedula, polza, ordni jew dokumenti oħra, illi meta jiġu pprezentati wieħed jirċievi bihom ħlas, jew jieħu konsenja ta’ oġġetti, jew jiġbor depozitu jew rahan minn ufficċju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment ieħor imwaqqaf jew magħruf b’xi att pubbliku tal-Gvern;
3. talli xjentement għamlet użu minn waħda jew iktar minn dawn il-karti msemmija fl-artikolu 167 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tad-29 ta’ novembru, 2002 fejn ta
l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputata u Raymond Psaila huma miżżewwġa iżda bħal issa għaddejjin proċeduri ta’ separazzjoni bejniethom. Raymond Psaila nduna li xi ħadd kien qed jiffirma l-income tax returns tiegħu u meta mar id-diparti-ment konċernat hu stabilixxa li l-firem fuq dawk id-dokumenti ma kienux tiegħu. L-istess ġara meta hu mar jara x’qed jiġri miċ-‘children’s allowance’ u sab li xi ħadd kien qed jiffalsifika l-firma tiegħu.

Illi l-pulizija bagħet għall-imputata f’żewġ okkazzjonijiet distinti fuq dawn il-fatti u iż-żewġ stqarrijiet li rrilaxxat l-imputata kienu fin-negattiv.

Illi fl-atti ta’ din il-kawża l-‘income tax returns’ ma ġewx eżebiti għaliex dawn huma protetti bil-liġi. L-istess ġara għal dak li jirrigwarda l-foirmuli taċ-‘children’s allowance’.

F’dan il-każ id-dipartiment konċernat ma sabx il-formuli ta’ dan il-każ.

Illi jidher ċar li għalhekk ma hemm xejn li jista’ jorbot lill-imputata ma dawn il-fatti.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------